**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 493/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Darren Said**

Illum 27 ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Darren Said**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 009689(M), bħala sid is-soċjeta' Frutti di Mare Limited, kif ukoll bħala d-Direttur tas-soċjeta' Frutti di Mare Limited (C20089), li tinsab f'Ta' Maġġi Żona Industrijali, Ħaż-Żabbar akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fit-2 ta' Ġunju 2020 u fil-ġranet ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer b'diversi atti magħmula minnu, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. lil Darren Said, identifikat bħala s-sid tas-soċjeta' Frutti di Mare Limited u d-Direttur tas-soċjeta' Frutti di Mare Limited, talli naqsu milli jottemperaw mal-obbligi tagħhom taħt Artikolu 39(1) tar-Regolament (KE) tal-1005/2008 u dan għaliex wettqu negozju marbut ma' sajd illegali, mhux irraportat u mhux irregolat (IUU) meta s-soċjeta' Frutti di Mare Limited instabet li kienet qiegħda żżomm fil-prodotti tas-sajd (*Bluefin Tuna*) li jirriżultaw minn attivitajiet tas-sajd li ma ġewx irrapportati lid-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura u għalhekk huma prodotti ta' sajd IUU, bi ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 425.08 tal-Liġijiet ta' Malta, u liema ksur jikkostitwixxi reat ta' xorta gravi skont id-dispożizzjonijiet tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 425.08 tal-Liġijiet ta' Malta u preċiżament ir-Regoli 3 u 4(2) tal-imsemmija Ordni;

2. fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi, lil Darren Said, identifikat bħala s-sid is-soċjeta' Frutti di Mare Limited, u d-Diretturi tas-soċjeta' Frutti di Mare Limited, talli naqsu milli jottemperaw mal-obbligi tagħhom taħt il-paragrafu 3 tar-Rakkomandazzjoni 18-13 tal-ICCAT, u dana fir-rigward ta' nuqqasijiet mill-obbligu li jitlob li kull *Bluefin Tuna* għandha jkollha magħha l-identifikazzjoni neċessarja, ċioè l-*Bluefin Tuna Catch Document* (BCD), bi ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 425.08 tal-Liġijiet ta' Malta, u liema ksur jikkostitwixxi reat ta' xorta gravi skont id-dispożizzjonijiet tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 425.08 tal-Liġijiet ta' Malta u preċiżament ir-Regoli 3 u 4(2) tal-imsemmi Ordni u dan għaliex hemm raġunijiet fondati biex tikkonkludi li Darren Said, identifikat bħala s-sid is-soċjeta' Frutti di Mare Limited u d-Diretturi tas-soċjeta' Frutti di Mare Limited, naqsu milli jipprovdu l-imsemmija BCD skont id-dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjoni 18-13 tal-ICCAT u l-Leġislazzjoni Sussidjarja 425.08 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi, lil Darren Said, identifikat bħala s-sid is-soċjeta' Frutti di Mare Limited, u d-Diretturi tas-soċjeta' Frutti di Mare Limited, talli naqsu milli jottemperaw

mal-obbligi tagħhom taħt il-paragrafu (1) u (2) tal-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Numru 1224/2009, u dan fir-rigward ta' nuqqasijiet mill-obbligi li ma jżommux prodotti tas-sajd u l-akkwakultura mqiegħda fis-suq jew li x'aktarx ikunu ser jitqiegħdu fis-suq fil-komunita' mingħajr tikkettjar adegwat biex tkun żgurata t-traċċabilita' ta' kull lott, bi ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 425.08 tal-Liġijiet ta' Malta u preċiżament ir-regoli 3 u 4(6) tal-imsemmi Ordni;

4. fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi, lil Darren Said, identifikat bħala s-sid is-soċjeta' Frutti di Mare Limited, u d-Diretturi tas-soċjeta' Frutti di Mare Limited, talli, bi ksur tal-paragrafu 4 tal-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Numru 1224/2009, naqsu milli josservaw l-obbligu li jkollhom fis-seħħ sistemi u proċeduri ta' identifikazzjoni ta' kwalunkwe operatur li jkun fornihom b'lottijiet tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura u li lilu jkunu ġew fornuti dawn il-prodotti. Darren Said, bħala sid is-soċjeta' Frutti di Mare Limited u d-Diretturi tas-soċjeta' Frutti di Mare Limited, naqsu milli jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli lill-awtoritajiet Maltin, ċioè lill-Uffiċjali għat-Tħaris tas-Sajd u Akkwakultura, rigwardanti l-imsemmija *Bluefin Tuna* illegali, u dan bi ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 425.08 tal-Liġijiet ta' Malta 425.08 u preċiżament ir-Regoli 3 u 4(6) tal-imsemmi Ordni;

5. fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi, lil Darren Said, identifikat bħala s-sid is-soċjeta' Frutti di Mare Limited, u d-Diretturi tas-socjeta' Frutti di Mare Limited, talli naqsu milli jottemperaw mal-obbligi tagħhom taħt il-paragrafu 6 u 5(g)(h) tal-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Numru 1224/2009, u dana fir-rigward ta' nuqqasijiet mill-obbligi tar-rekwiżiti minimi tat-tikkettar u tal-informazzjoni għal lottijiet kollha tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, li għandhom jinkludu l-isem kummerċjali, l-isem xjentifiku, iż-żona ġeografika rilevanti, u l-metodu ta' produzzjoni, u jekk il-prodotti tas-sajd ġewx iffriżati qabel jew le, bi ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 425.08 tal-Liġijiet ta' Malta u preċiżament ir-regoli 3 u 4(6) tal-imsemmi Ordni;

6. fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi, lil Darren Said, identifikat bħala s-sid is-soċjeta' Frutti di Mare Limited, u d-Diretturi tas-soċjeta' Frutti di Mare Limited, talli naqsu milli jottemperaw mal-obbligi tagħhom taħt ir-Regolament 23 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 425.02 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana fir-rigward ta' nuqqasijiet mill-obbligu li bejjiegħ bl-imnut ma jistax jixtri jew jikseb b'xi mod ieħor ħut bl-ingrossa (*wholesale*) ħlief mingħand pitkal bil-liċenzja, bi ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 425.02 tal-Liġijiet ta' Malta u preċiżament ir-regoli 41 u 42 tal-imsemmija Ordni;

7. fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi, lil Darren Said, identifikat bħala s-sid is-soċjeta' Frutti di Mare Limited, u d-Diretturi tas-soċjeta' Frutti di Mare Limited, talli naqsu milli jottemperaw mal-obbligi tiegħu taħt ir-Regolament 24 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 425.02 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana fir-rigward ta' nuqqasijiet mill-obbligu li bejjiegħ bl-imnut ma jista' la jixtri ħut mingħand bejjiegħ bl-imnut ieħor u lanqas ibiegħlu ħut, bi ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 425.02 tal-Liġijiet ta' Malta u preċiżament ir-Regolamenti 41 u 43 tal-imsemmija Ordni;

8. fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi, lil Darren Said, identifikat bħala s-sid is-soċjeta' Frutti di Mare Limited, u d-Diretturi tas-soċjeta' Frutti di Mare Limited, talli naqsu milli jottemperaw mal-obbligi tagħhom taħt ir-Regolament 30 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 425.02 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana fir-rigward ta' nuqqasijiet mill-obbligu li bejjiegħ bl-imnut għandu jieħu miegħu l-*vouchers* tal-bejgħ ta' kull ħut li jkun qed joffri għall-bejgħ u għandu jippreżenta dawn il-*vouchers*, meta jiġi mitlub, lil kull Uffiċjal tas-Sajd jew lil kull membru tal-Pulizija, bi ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 425.02 tal-Liġijiet ta' Malta u preċiżament ir-Regolamenti 41 u 42 tal-imsemmija Ordni;

9. fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi, lil Darren Said, identifikat bħala s-sid is-soċjeta' Frutti di Mare Limited, u d-Diretturi tas-soċjeta' Frutti di Mare Limited, talli naqsu milli jottemperaw ma' Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana fir-rigward tal-fatt li s-soċjeta' Frutti di Mare Limited,

xjentement laqgħu għandhom ħwejjeġ (*Blue Fin Tuna*) li kienu akkwistati b'reat u xjentement indaħlu sabiex ibiegħuhom jew imexxuhom bi ksur tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta preċiżament l-Artikolu 334 ta' riċettazzjoni.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex skont Artikolu 30(2) u 31(4) tal-Kapitolu 425 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-prodotti tas-sajd.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' Novembru 2022, fejn il-Qorti, wara li rat Regolamenti 3 u 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 425.08 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 39(1) tar-Regolament (KE) 1005/2008, paragrafu 3 tar-Rakkomandazzjoni 18-13 tal-ICCAT, Artikolu 58 tar-Regolament (KE) 1224/2009, u Regolamenti 23, 24 u 30 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 425.02 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li lliberat lill-imputat mit-tielet (3), mis-sitt (6), mis-seba' (7), mit-tmin (8) u mid-disa' (9) imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, sabitu ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tar-raba' (4) u tal-ħames (5) imputazzjoni miġjuba kontrih u konsegwentement ikkundannatu multa ta' elfejn Euro (€2000) li b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta setgħet titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħames mitt Euro (€500) fix-xahar. F'każ li l-ħlas kien ser isir b'rati mensili, l-ewwel pagament kellu jsir fi żmien xahar mid-data tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti, b'dan illi jekk il-ħati kien ser jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ kien ser jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx kellu jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi. Fl-aħħar nett, l-Ewwel Qorti ordnat il-konfiska tal-prodotti tas-sajd elevati mill-uffiċjali tad-Dipartiment tas-Sajd.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-18 ta' Novembru 2022 fejn, wara li għamel riferenza għas-sentenza appellata, talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha*

*"i. Preliminarjament, **tordna l-isfilz** mill-atti proċesswali tad-dokumenti kollha li ġew ottenuti mill-uffiċjali tad-Dipartiment bi ksur tad-dritt għal aċċess għal Avukat, u dan għal raġunijiet kif spjegati fil-paragrafi 23-26 ta' dan l-umli appell u dak kollu li se jirriżulta fit-trattazzjoni ta' dan l-istess appell;*

*ii. mingħajr preġudizzju għat-talba preċedenti, **tirriforma, tvarja u tbiddel** is-sentenza appellata billi **fl-ewwel lok tikkonfermaha** fejn illiberat lill-appellant Darren Said mit-tielet, is-sitt, is-seba', t-tmien u d-disa' imputazzjoni miġjuba kontrieh, u **fit-tieni lok tħassaraha u tirrevokaha** fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel, tat-tieni, r-raba' u l-ħames imputazzjoni miġjuba kontrih;*

*iii. mingħajr preġudizzju għat-talbiet suesposti, u dan jekk kemm il-darba it-tieni talba ma tiġix milqugħa minn dina l-Onorabbli Qorti, **tħassar u tirrevoka** s-sentenza appellata in kwantu li l-appellant ġie ikkundannat iħallas is-somma €2000 li b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħames mitt Euro (Eur 500) fix-xahar. F'każ li l-ħlas ikun ħa jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar millum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi u in kwantu fejn fl-aħħar net il-Qorti ordnat il-konfiska tal-prodotti tas-sajd elevati mill-uffiċjali tad-Dipartiment tas-Sajd, **u minflok**, in vista tal-konsiderazzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq f'dan l-umli appell, tgħaddi biex tinfliġġi piena iktar miti skont il-liġi li tirrifletti ċ-ċirkostanzi prevalenti tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fit-30 ta' Jannar 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-7 ta' Novembru 2022.

Illi fir-Rikors tal-Appell tiegħu l-appellant jitlob lil din il-Qorti sabiex tisfilza d-dokumenti li skont hu nkisbu mingħajr ma ngħata dritt għal aċċess għal avukat. Minbarra dan jitlob li jiġi meħlus minn kull ħtija u piena jew alternattivament jingħata piena aktar miti.

Illi l-fatti tal-każ jirigwardaw rapport li daħal id-Dipartiment tas-Sajd u Akwakultura fejn kien hemm indikazzjoni li l-appellant kellu xi tonn mhux dikjarat. Jirriżulta li xi spetturi mid-dipartiment marru fl-imħażen/uffiċju tal-appellant li jinsab fil-kumpless ta' Maġġi fiż-Żona Industrijali ta' Ħaż-Żabbar fejn għal bidu l-ispetturi tad-dipartiment sabu kollox tajjeb iżda qabel kienu innutaw żewġ vannijiet li minnhom kien qed joħroġ xi demm u kien hemm riħa ta' ħut. Meta ifetaħ vann minnhom instabu sitt (6) tonnijiet fi stadju differenti ta' preparazzjoni iżda allegatament l-appellant ma kienx fil-pussess tad-dokumenti neċessarji għal dan il-prodott.

Illi permezz tal-appell tiegħu l-appellant iressaq numru ta' aggravji li din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarriġhom b'mod separat. Qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dawn l-aggravji hija tfakkar li ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza

mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk iżda din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tistħarreġ l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu b'dan illi ser tibda bit-tieni aggravju minħabba li jekk jintlaqa' jistgħu jiġu affettwati l-bqija tal-aggravji.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li huwa ma ngħatax dritt ta' aċċess għal avukat. Jisħaq li skont Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, entita' li hija responsabbli għal infurzar tal-liġi bħad-Dipartiment tas-Sajd għandha l-obbligu li tagħti aċċess għal avukat.

Illi taħt dan l-aggravju dak li trid tara din il-Qorti huwa jekk waqt l-ispezzjoni d-Dipartiment tas-Sajd u Akwakultura kellux l-obbligu li jagħti d-drittijiet ta' aċċess għall-avukat lill-appellant. Din il-Qorti tibda billi tinnota li l-appellant kien preżenti waqt l-ispezzjoni u għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti ma japplikawx l-estremi msemmija fis-sentenza fl-ismijiet **Ayetullah AY v. Turkey** (Numri 29084/07 u 1191/08), liema sentenza ġiet mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-27 ta' Ottubru 2020.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li d-dritt tal-avukat jiskatta mill-mument li persuna jkollha l-istatus ta' suspettat. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li hemm spjegat fil-verżjoni tat-28 ta' Frar 2023 tal-**Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights – Right to a Fair Trial (Criminal Limb)** fejn ġie imfisser is-segwenti:

> "454. The right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer is one of the fundamental features of a fair trial (*Salduz v. Turkey* [GC], 2008, § 51; *Ibrahim and Others v. the United Kingdom* [GC], 2016, § 255; *Simeonovi v. Bulgaria* [GC], 2017, § 112; *Beuze v. Belgium* [GC], 2018, § 123). As a rule, a suspect should be granted access to legal assistance from the moment there is a "criminal charge" against him or her within the autonomous meaning of the Convention (*Simeonovi v. Bulgaria* [GC], 2017, § 110). In this connection, the Court has stressed that a person acquires the status of a suspect calling for the application of the Article 6 safeguards not when that status is formally assigned to him or her, but when the domestic authorities have plausible reasons for suspecting that person's involvement in a criminal offence (*Truten v. Ukraine*, 2016,§ 66; *Knox v. Italy*, 2019, § 152; contrast *Bandaletov v. Ukraine*, 2013, §§ 61-66, concerning voluntary statements made by an applicant as a witness; and *Sršen v. Croatia* (dec.), 2019, §§ 43-45, concerning the obtaining of routine information, including the taking of blood samples, from the participants of a road accident).

> 455. Thus, for instance, the right of access to a lawyer arises when a person is taken into custody and questioned by the police (*Simeonovi v. Bulgaria* [GC], 2017, § 111; *Sîrghi v. Romania*, 2016, § 44) as well as in instances where a person was not deprived of liberty but is summoned for a questioning by the police concerning the suspicion of his or her involvement in a criminal offence (*Dubois v. France*, 2022, §§ 45-46 and 69-75). This right may also be relevant during procedural actions, such as identification procedures or reconstruction of the events and on-site inspections (*İbrahim Öztürk v. Turkey*, 2009, §§ 48-49; *Türk v. Turkey*, 2017, § 47; *Mehmet Duman v. Turkey*, 2018, § 41) as well as search and seizure operations (*Ayetullah Ay v. Turkey*, 2020, §§ 135 and 163). Moreover, the right of an accused to participate effectively in a criminal trial includes, in general, not only the right to be present, but also the right to receive legal assistance, if necessary (*Lagerblom v. Sweden*, 2003, § 49; *Galstyan v. Armenia*, 2007, § 89). By the same token, the mere presence of the applicant's lawyer cannot compensate for the absence of the accused (*Zana v. Turkey* [GC], 1997, § 72)."

Illi mid-dokumenti li hemm fl-atti proċesswali jirriżulta li meta saret l-ispezzjoni l-appellant kien għadu ma kellux l-istatus ta' suspettat. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li mix-xiehda mogħtija mill-Uffiċjal tas-Sajd Mark Gauci Piscopo fl-20 ta' April 2022 (*a fol.* 23 *et seq.*) jirriżulta li għalkemm l-awtoritajiet ħadu l-ħut in kwistjoni, li kieku l-appellant forna d-dokumenti neċessarji ma kienux illegali (*a fol.* 24):

> "Aħna pproċedejna biex niżnuhom u t-total tagħhom kien 551 kilos. Kien hemm ħamsa minnhom li kien bla garġi u mnaddfin u wieħed minnhom kien bla garġi mnaddaf, imma bla ras. U dawn ġew storjati ġewwa l-pixkerija nazzjonali u ġew itteggjati minn naħa tagħna, aħna l-għada 3rd. June 2020 fit-8.24, inbgħatet *e-mail* fejn infurmajna li dawn ġew itteggjati, infurmajnieh ukoll ma

> jidhirx li huma illegali, *just* għednilu t-*tag numbes* f'każ li jipprovdi xi karti jew hekk u ovvjament avżajnieh li d-dipartiment jista' jieħu azzjoni, ritratti u hekk."

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti dan huwa korroborat wkoll mill-*e-mail* tat-3 ta' Ġunju 2020 (Dok. "MG 3" – *a fol.* 38) fejn id-dipartiment qal li kien qed jirriżerva d-dritt li jieħu azzjoni legali. Din il-Qorti tinnota li dan kollu juri li sa dak il-mument l-appellant ma kienx għadu suspettat.

Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għal Artikolu 355AUA(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:

> "Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet:
>
> (a) qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja fir-rigward tat-twettiq ta' reat kriminali;
>
> (b) mat-twettiq minn awtoritajiet investigattivi jew awtoritajiet kompetenti oħra ta' xi att ta' natura investigattiva jew att ta' kollezzjoni ta' evidenza oħra skont is-subartikolu (8)(e);
>
> (c) mingħajr ebda dewmien wara li tkun ġiet imċaħħda l-libertà;
>
> (d) meta tkun ġiet imħarrka sabiex tidher quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, f'qasir żmien qabel ma titressaq quddiem dik il-qorti."

Illi mill-atti proċesswali ma jirriżultax li l-appellant ġie mċaħħad mil-libertà tiegħu u lanqas jirriżulta li ġie interrogat. Dan jirriżulta wkoll mix-xiehda mogħtija mill-istess appellant allura imputat quddiem l-Ewwel Qorti fl-20 ta' April 2022 (*a fol.* 68 *et seq*.) fejn jgħid hekk:

> "Jiena dakinhar kont fil-livell *minus* 2 fl-*establishment* tiegħi, u ġew dawn it-tnejn, proprja kienu 4 u ġew qaluli: *"Biex nagħmlulek inspection"*. Għedtilhom: *"mela le"*. Għamlu *inspection* u fittxew bħan-normalita', talbuni xi dokumentazzjoni u tajtielhom kollha mbagħad qaluli biex jiċċekkjaw żewġ trakkijiet fuq, barra mill-maħżnijiet tiegħi, jiġifieri qegħdin nitkellmu qisu tliet minuti bil-mixi, tlajna flimkien insomma t-trakkijiet kienu miftuħin. Ftaħna l-ewwel trakk jiġifieri, kienu miftuħin mhux imsakkrin. Magħluqin il-bibien imma mhux imsakkrin. Ftaħna l-ewwel vann u jiġifieri kien hemm it-tonn, talbuni l-karti tagħhom u tajthomlhom kollha u ftaħna l-vann l-ieħor. Qalli: *"hawnhekk kif għandek dan it-tonn?"*. Għedtlu mill-ewwel: *"Dan it-tonn jiena ma nafx bih*". Qalli: *"X'jiġifieri ma tafx bih?"*. Għedtlu: *"Ma nafx bih. Aħna għandna mal-25 ħaddiem jaħdem magħna."* Qalli: *"Irrid l-karti tiegħu"*. Għidtlu: *"Isma, jiena ma nafx bih*." Qalli: *"Mela rridu l-karti tiegħu."* Għidtlu: *"Karti tiegħu ma nistax"*. Għidtlu: *"Li nistgħu nagħmlu nkellmu l-ħaddiema ħa naraw*". Qalli: *"Le, aħna lilek nafu."* Għidtlu: *"Li nistgħu nagħmlu naraw il-ħaddiema*." Tlabtu jieħu azzjoni biex naraw kif hemm il-*cameras* u hemm kollox. Ħadd ma ried jieħu azzjoni minnhom."

Illi minn dan il-kliem din il-Qorti tinnota li l-azzjonijiet kienu biss ta' natura investigattiva u ma kienx hemm xi forma ta' interrogazzjoni. Għalhekk, tenut kont ta' dan kollu, it-tieni aggravju qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi l-<u>ewwel aggravju</u> tal-appellant huwa intitolat "Neċessita' ta' perizja" u fih l-appellant jilmenta li l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li l-ħut kien effettivament *blue fin tuna*. Jilmenta li l-Ewwel Qorti żbaljat meta straħet fuq dikjarazzjonijiet unilaterali tal-Prosekuzzjoni li ma ġewx korroborati minn evidenza oħra. Jilmenta wkoll li ma tressqet ebda prova tal-kwalifiki jew tal-esperjenza tal-uffiċċjali tad-Dipartiment tas-Sajd. Jirreferi għax-xiehda mogħtija mill-uffiċjal Kurt Pisani u jistqarr li l-identifikazzjoni tal-ħuta mhux ġustifikata stante li kienet diġa' imnaddfa u mqatta'. Jisħaq li skont xiehda mogħtija, il-ħut jinbiegħ minn €3.50 sa €4.80 per kilo skont il-kundizzjoni iżda ma nġabitx prova tal-kwalita' tal-ħut imqatta' li kienu għandu.

Illi l-appellant jinsisti li f'dan il-każ kien hemm bżonn ta' perizja. Jilmenta wkoll fuq il-fatt li ma ġiex identifikat min ħa r-ritratti tal-ħut li fuqhom straħet l-Ewwel Qorti biex b'hekk ma ġietx identifikata l-awtentiċita' tagħhom u dana meta r-razza tat-tonn tiġi identifikata mid-differenza fil-karatteristiċi.

Illi l-ewwel u qabel kollox din il-Qorti tirrimarka li l-Ewwel Qorti kellha kull dritt tirrifjuta li ssir perizja. F'dan ir-rigward din il-Qorti terġa' tagħmel riferenza għall-verżjoni tat-28 ta' Frar 2023 tal-**Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights – Right to a Fair Trial (Criminal Limb)** fejn ingħad hekk:

> "172. In this regard, the requirement of a fair trial does not impose on a trial court an obligation to order an expert opinion or any other investigative measure merely because a party has requested it. Where the defence insists on the court hearing a witness or taking other evidence (such as an expert report, for instance), it is for the domestic courts to decide whether it is necessary or advisable to accept that evidence for examination at the trial."

Illi *ai termini* ta' Artikolu 650 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, perizja għandha tiġi ordnata fil-każijiet kollha li fihom għall-eżami ta' persuna jew ta' ħaġa tkun tinħtieġ ħila jew sengħa speċjali. Din

il-Qorti taqbel ma' dak li qalet l-Ewwel Qorti li ma kellhiex bżonn ta' perizja sabiex tagħraf li l-ħut li ġew sekwestrati kienu tonn. Apparti minn dan, mir-ritratti jidher ċar li t-tonn kien *blue fin* u mhux *yellow fin*. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li l-*yellow fin* jkollu linja safra fuq dahru. Mir-ritratti li hemm fl-atti proċesswali ma jirriżultax li l-ħut għandu tali linja safra.

Illi din il-Qorti hija sodisfatta wkoll li mix-xiehda tal-Uffiċjal tas-Sajd Mark Gauci Piscopo (*a fol.* 23 *et seq.*) jirriżulta li r-ritratti ttieħdu minnu u minn Kurt Pisani. Din il-Qorti hija sodisfatta dwar l-awtentiċita' tagħhom.

Illi rigward il-valur tat-tonn in kwistjoni, din il-Qorti hija sodisfatta li l-prezz ta' dakinhar kien ivarja bejn €3.50 u €4.80 skont l-irċevuti li hemm fl-atti proċesswali (*a fol.* 29 *et seq.*).

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-ewwel aggravju jirriżulta li anke dan l-aggravju għandu jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tielet aggravju</u> tiegħu l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti njorat id-distinzjoni fil-personalita' ġuridika bejnu (Darren Said) u l-kumpannija Frutti di Mare. F'dan ir-rigward jilmenta li kif ħarġu l-imputazzjonijiet l-fatt waħdu li Darren Said huwa s-sid tas-soċjeta' Frutti di Mare ma għandux iwassal għas-sejbien ta' ħtija tiegħu u dana minħabba d-distinzjoni fil-personalita' ġuridika. Ikompli li l-unika mod biex jinstab ħati kien li kieku kien qed jaġixxi bħala direttur u mhux sempliċement bħala sid. F'dan ir-rigward jirreferi għal Artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-appellant jisħaq li kien l-obbligu tal-Prosekuzzjoni li tipprova li s-soċjeta' Frutti di Mare wettqet reat u li ġialadarba l-Prosekuzzjoni tipprova dan kien jinkombi fuqu li jipprova li ma kienx jaf bir-reat jew li eżerċita d-diliġenza neċessarja. Jgħid li huwa ċaħad li kien jaf bis-sitt biċċiet tonn u jisħaq li ma tressqet l-

ebda prova li tikkontradiċi dan u jsostni li huwa eżerċita d-diliġenza neċessarja.

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak li jgħid l-Avukat Ġenerali fir-Risposta tiegħu dwar dan il-punt. Huwa jirreferi għall-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni: senjatament Claudia Diacono bħala rappreżentanta tal-*Malta Business Registry* li ppreżentat dokumenti u kkonfermat li d-direttur tal-kumpanja Frutti di Mare kien u baqa' l-appellant, filwaqt li mix-xiehda tar-rappreżentant ta' Transport Malta ġie kkonfermat li l-vettura li fihom instab it-tonn huwa proprjeta' tas-soċjeta Frutti di Mare u li l-*contact person* huwa l-appellant ukoll. L-Avukat Ġenerali jisħaq li minħabba f'hekk il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Darren Said bħala s-sid u d-direttur tas-soċjeta'. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li anke kieku wieħed kellu jagħti widen għal dak li jgħid l-appellant u jagħti raġun lill-argument minnu mressaq jirriżulta fattwalment li fiċ-ċitazzjoni l-appellant ġie mħarrek kemm bħala s-sid tal-kumpannija kif ukoll *qua* direttur tagħha!

Illi rigward il-punt l-ieħor qajla wieħed jista' jgħid li l-appellant eżerċita d-diliġenza neċessarja meta allegatament lanqas kien jaf x'qed iġorru l-vannijiet tiegħu. Lanqas hija ta' fejda x-xiehda tal-*Operations Manager* Rosanne Aquilina mogħtija fl-20 ta' April 2022 (*a fol.* 69 *et seq.)* minħabba li hija tgħid li ma jkollhiex kontroll fuq il-vannijiet meta joħorġu barra. Din il-Qorti tfakkar li dawn il-vannijiet xorta kienu fil-kumpless ta' Maġġi u allura kienu fl-isfera tal-kontroll tal-appellant u tal-*Operations Manager* tiegħu. Għalhekk anke l-aggravju in eżami jistħoqqlu jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tar-raba' aggravju l-appellant jilmenta li l-post fejn instab il-vann ikun mimli bin-nies jaħdmu, liema persuni ma għandhomx x'jaqsmu mas-soċjeta' Frutti di Mare u jirreferi għal persuna li talab sabiex jiġi mċaqlaq il-vann u li f'daqqa waħda sparixxa. Jispiċċa billi jgħid li l-Ewwel Qorti ma kinitx ġustifikata tikkonkludi li ħadd ma kellu l-opportunita' iżid sitt biċċiet tonn jekk mhux mill-istess *storage* ta' Frutti di Mare.

Illi frankament din il-Qorti mhijiex konvinta mill-verżjoni mogħtija mill-appellant. Din il-Qorti tinnota li l-vannijiet kienu tas-soċjeta' tiegħu u kienu fl-isfera tal-kontroll tiegħu. L-appellant jgħid li kienu xi tliet minuti bogħod għalhekk kienu ferm viċin.

Illi anke jekk kien xi ħadd ieħor li tefa t-tonn fil-vannijiet, dan it-tonn seta' raġonevolment jinġieb biss mingħand l-appellant. Ma tagħmilx sens it-teżi li kien xi mekkanik li tefa t-tonn fil-vann. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li tali vannijiet kienu l-ħin kollu jintużaw u allura tali mekkanik ipotetiku kien ikun qed jirriskja li jitlef il-merċa fi kwalunkwe ħin. Fil-fehma ta' din il-Qorti anke l-istadju ta' preparazzjoni tat-tonn jimmilita kontra l-appellant. It-tonn mhux ħut żgħir u jeħtieġ ċerta infrastruttura biex jiġi mqandel u pproċessat. Din il-Qorti ma tara lill-ebda mekkanik li waħdu sejjer iqandel dan il-ħut kbir u sejjer jippreparah għal bejgħ!

Illi l-provi diretti u ċirkostanzjali kollha jippuntaw lejn direzzjoni waħda u għalhekk anke dan l-aggravju qed jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi minkejja li ma hemmx aggravju f'dan is-sens, fit-talbiet tiegħu l-appellant jitlob piena aktar miti. Minħabba li m'hemm l-ebda aggravju kif għadu kemm ingħad, din il-Qorti tista' tieqaf hawn. Minkejja dan, għal kull buon fini jingħad li meħud in konsiderazzjoni l-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant allura imputat instab ħati tagħhom mill-Ewwel Qorti, liema sejbien ta' ħtija ma ġiex mibdul minn din il-Qorti, u meħud in konsiderazzjoni wkoll il-piena li setgħet tiġi erogata mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti ma tqiesx li kien ikun hemm lok ta' temperament fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti minħabba li ma tressqet l-ebda raġuni fondata sabiex seta' jsir hekk.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Darren Said u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

---

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

---

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**